# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-24 ta' Frar 2014

## dwar l-organizzazzjoni ta' miżuri ta' tħejjija għall-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu għall-iżvilupp u l-produzzjoni tal-istatistika mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali

## *(BĊE/2014/6)*

(2014/192/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 u l-Artikolu 46.2 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-kontribut tal-Kunsill Ġenerali,

Billi:

(1) Il-mikrodejta dwar il-kreditu tinkludi partiti individwali ta' informazzjoni dwar skoperturi tal-kreditu tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li jipprovdu self fil-konfront ta' mutwatarji. Dejta mhux aggregata ta' dan it-tip tista' tinġabar, mingħajr ħsara għal salvagwardji xierqa tal- kunfidenzjalità, fuq bażi ta' mutwatarju b'mutwatarju jew ta' self b'self minn reġistri tal-kreditu operati mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) (minn hawn 'il quddiem "reġistri centrali tal-kreditu" jew "RĊK"), jew minn sorsi oħra ta' dejta granulari, inkluż ir-reġistri ta' kreditu, jew kollezzjonijiet statistiċi alternattivi. Numru ta' BĊNi li operaw RĊK jaqsmu mikrodejta dwar il-kreditu ma' xulxin għall-iskop sabiex din dejta tiġi mgħoddija lill-istituzzjonijiet ta' rapportar u tiġi ffaċilitata ħarsa ġenerali iktar komprensiva tad-dejn tal-mutwatarji ([2]).

(2) L-Artikolu 5 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ") jispeċifika illi, sabiex jitwettqu l-kompiti tas-SEBĊ, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), megħjun mill-BĊNi tas-SEBĊ, jiġbor it-tagħrif statistiku neċessarju jew mingħand awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand l-aġenti ekonomiċi. Barra minn dan, l-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jippermetti lill-BĊE li jiddeċiedi dwar il-ġbir u t-trażmissjoni fi ħdan is-SEBĊ, sal-punt u l-livell ta' dettall neċessarju, ta' informazzjoni kunfidenzjali oriġinarjament miġbura għal għanijiet oħra li mhumiex dawk tal-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, sakemm dan huwa neċessarju għall-iżvilupp jew produzzjoni effiċjenti tal-istatistika jew għat-titjib tal-kwalità tagħha, u din l-istatistika hija neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tas-SEBĊ imsemmija fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) Mikrodejta dwar il-kreditu bbażata fuq RĊK u sorsi oħra ta' dejta dwar il-kreditu disponibbli huma meħtieġa għal: (a) l-iżvilupp u l-produzzjoni tal-istatistika ġdida tas-SEBĊ f'oqsma bħall-istatistika fuq assi indeboliti, provvedimenti għal assi indeboliti u riservi ta' rivalutazzjoni u statistika fuq self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji, mqassma skont id-daqs tal-korporazzjonijet ikkonċernati; (b) titjib fil-kwalità tal-istatistika eżistenti tas-SEBĊ f'oqsma bħal ma huma l-istatistika fuq linji ta' kreditu mqassma skont is-settur kontroparti, fuq self tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji mqassma skont l-attività ekonomika, u fuq self appoġġjat minn kollateral fi proprjetà immobbli. Din l-istatistika ġdida jew imtejba li trid tiġi prodotta għal żmien twil hija meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurosistema inkluż l-analiżi tal-politika monetarja u l-operazzjonijiet tal-politika monetarja, l-immaniġjar tar-riskju, is-sorveljanza tal-istabbiltà finanzjarja u r-riċerka, kif ukoll il-kontribut tal-Eurosistema għat-tmexxija bla xkiel tal-politika segwita mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([2]) Memorandum ta' Ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni fost ir-reġistri nazzjonali ċentrali ta' kreditu sabiex tiġi mgħoddija lil istituzzjonijiet ta' rapportar, disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.

(4) Qafas għal żmien twil għal ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu bbażat fuq l-obbligi ta' rapportar statistiku armonizzati tal-BĊE għandu jiġi stabbilit fi strumenti legali tal-BĊE li jrid jiġi adottat taħt l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill Governattiv fiż-żmien adegwat sabiex jiġi żgurat illi sal-aħħar tal-2016 (a) databases nazzjonali ta' mikrodejta dwar il-kreditu jitħaddmu mill-BĊNi kollha tal-Eurosistema b'konformità ma' standards minimi speċifikati żviluppati matul il-fażi ta' tħejjija, u (b) databases komuni ta' mikrodejta dwar il-kreditu maqsuma bejn il-membri tal-Eurosistema u li tinkludi input data għall-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' dawn databases nazzjonali ta' mikrodejta dwar il-kreditu, bil-għan li tiġi żgurata, b'mod gradwali, id-disponibbiltà sħiħa tal-istatistika dwar il-kreditu neċessarja għat-twettiq tal-kompiti tal-Eurosistema, inklużi b'mod partikolari, il-kontribut għat-tmexxija bla xkiel ta' politiki segwiti mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Dan l-istrument legali tal-BĊE għal żmien twil għandu jiddefinixxi wkoll id-data, sa mhux aktar tard mid-data speċifikata aktar 'il fuq, li minnha għandu jibda l-ġbir ta' dejta granulari dwar il-kreditu bbażat fuq rekwiżiti ta' rapportar statistiku armonizzati tal-BĊE. Għalkemm disinn wiesgħa tal-kontenut tal-mikrodejta dwar il-kreditu futura li trid tinġabar skont dawn ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku armonizzati tal-BĊE huwa stipulat fl-iskema tar-rapportar ta' referenza annessa ma' din id-Deċiżjoni, l-iskop preċiż u l-kontenut tad-dejta li trid tinġabar taħt il-qafas għal żmien twil għad iridu jiġu ddefiniti. It-tħejjijiet għat-twaqqif ta' dan il-qafas għal żmien twil ser isiru permezz ta' miżuri ta' tħejjija implimentati taħt din id-Deċiżjoni li għandhom l-għanijiet li ġejjin: (a) id-definizzjoni ta' grupp ewlieni ta' settijiet ta' mikrodejta dwar il-kreditu armonizzati li jridu jiġu pprovduti lill-BĊE mill-BĊNi għal żmien twil; (b) l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utent relevanti fir-rigward tal-applikazzjoni ta' mikrodejta dwar il-kreditu fi ħdan is-SEBĊ għal żmien twil; (c) stima tal-kosts relatati ġġenerati mill-ġbir, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-proċeduri għall-qsim ta' dejta; (d) l-eliminazzjoni gradwali ta' diskrepanzi fid-dejta marbutin ma' nuqqas ta' kompletezza jew nuqqas ta' databases ta' mikrodejta dwar il-kreditu f'xi Stati Membri; (e) id-definizzjoni tal-governanza xierqa u l-aspetti organizzattivi għat-tħaddim tal-qafas għal żmien twil, u (f) tiġi żgurata interoperabbiltà aħjar u l-użu mill-ġdid tad-dejta fost ir-RĊK, ir-reġistri tal-kreditu u databases ta' kreditu relevanti oħra li jissodisfaw il-kriterji ta' kwalità.

(5) Il-Kumitat tal-Istatistika (minn hawn 'il quddiem "KST") tas-SEBĊ għandu jiġi nkarigat mill-Kunsill Governatti biex jassistih fl-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' tħejjija. B'mod partikolari, il-KST għandu jorganizza t-trażmissjoni annwali mill-BĊNi lill-BĊE ta' mikrodejta dwar il-kreditu disponibbli bħala parti mill-proċess li permezz tiegħu jiġi żgurat l-allinjament ta' dik il-mikrodejta dwar il-kreditu li trid tinġabar għal żmien twil mal-ħtiġijiet tal-utent prospettiv tas-SEBĊ. Għal dan il-għan, utenti tal-BĊE li ma jibbenefikawx mid-deroga fl-Artikolu 3(3) ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jingħataw aċċess għal tagħrif statistiku kunfidenzjali miksub minn kwalunkwe dejta granulari dwar il-mikrodejta dwar kreditu trażmessa lill-BĊE sakemm jiġi implimentat qafas għal żmien twil, b'konformità mas-salvagwardji relevanti tal-kunfidenzjalità.

(6) It-trattament ugwali ta' BĊNi individwali għandu jkun il-prinċipju ta' gwida li fuqu huma msejsal-miżuri ta' tħejjija għall-qafas għal żmien twil. Il-kriterji minimi neċessarji fir-rigward tal-iskop, il-limiti massimi u minimi ta' saffi jew strata fil-popolazzjoni tal-mutwatarji u l-kategorizzazzjonijiet l-oħra possibbli, il-livell ta' dettall tal-attributi tad-dejta u l-kwalità tal-mikrodejta dwar il-kreditu miġbura jiġu proposti lill-Kunsill Governattiv għall-BĊNi kollha tal-Eurosistema matul il-fażi ta' tħejjija. Id-differenzi bejn settijiet ta' dejta mogħtija minn BĊNi individwali jridu jiġu identifikati u mnaqqsin b'mod progressiv permezz ta' aġġustamenti introdotti bil-konsenji ta' dejta susseġwenti li jsiru bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni. Fl-istess waqt, ċerti BĊNi tal-Eurosistema jistgħu jeħtieġu perijodu itwal ta' phase-in fil-fażi ta' tħejjija biex jiżviluppaw jew jiksbu aċċess għal databases komprensivi ta' mikrodejta dwar il-kreditu. Dawn il-BĊNi għandhom, matul il-fażi ta' tħejjija, jitħallew jibbenefikaw minn derogi temporanji mill-obbligu li japplikaw miżuri ta' tħejjija speċifiċi żviluppati mill-KST, sakemm il-perijodu ta' kull deroga speċifika huwa strettament limitat għaż-żmien minimu neċessarju għall-BĊN ikkonċernat biex jikseb il-konformità mal-miżuri ta' tħejjija koperti mid-deroga matul il-fażi ta' tħejjija, u dak il-perijodu huwa f'kull każ stabbilit b'mod li jippermetti li l-objettivi stipulati fl-Artikolu 1 jinkisbu fir-rigward tal-BĊNi kollha tal-Eurosistema.

(7) B'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kemm it-Trattati kif ukoll il-liġi adottata mill-Unjoni fuq il-bażi tat-Trattati jieħdu preċedenza fuq il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dik il-ġurisprudenza ([1]). Bl-istess mod, l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma tirriżultax fi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jimponu kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità speċifiċi jew reċiproċità fir-rigward tal-qsim transkonfinali ta' dejta miġbura permezz tar-RĊK.

(8) Huwa meħtieġ li tiġi stabbilita proċedura sabiex isiru emendi tekniċi lill-Anness ta' din id-Deċiżjoni b'mod effettiv, kemm-il darba dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażiku u lanqas ma jaffettwaw il-piż tar-rapportar. Il-BĊNi jistgħu jipproponu dawn l-emendi tekniċi lill-Annessi permezz tal-KST, li l-fehma tiegħu tiġi kkunsidrata meta tiġi segwita din il-proċedura.

([1]) Dikjarazzjoni 17 dwar il-primat annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona tat-13 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 115, 9.5.2008, p. 344).

(9) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu estiżi biex japplikaw għall-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro billi dawk il-BĊNi jidħlu f'kooperazzjoni mal-banek ċentrali tal-Eurosistema fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni tal-BĊE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni u għanijiet**

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi miżuri ta' tħejjija li huma neċessarji biex jiġi stabbili b'mod gradwali qafas għal żmien twil għall-ġbir ta' mikrodejta dwar il-kreditu bbażat fuq rekwiżiti ta' rapportar statistiku armonizzat tal-BĊE. Sal-aħħar tal-2016 dan il-qafas għal żmien twil ser jinkludi: (a) databases nazzjonali ta' mikrodejta dwar il-kreditu mħaddmin mill-BĊNi kollha tal-Eurosistema, u (b) database komuni ta' mikrodejta dwar il-kreditu maqsuma bejn il-membri tal-Eurosistema li fiha mikrodejta dwar il-kreditu għall-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(1) "reġistru ċentrali tal-kreditu" (RĊK) tfisser reġistru ta' kreditu imħaddem minn bank ċentrali;

(2) "reġistru ta' kreditu" (RK) tfisser reġistru li jiġbor mikrodejta dwar il-kreditu minn istituzzjonijiet ta' rapportar;

(3) "mikrodejta dwar il-kreditu" tfisser informazzjoni dwar skoperturi tal-kreditu ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra li jipprovdu self fil-konfront tal-mutwatarji' mogħtija fuq bażi ta' mutwatarju b'mutwatarju jew ta' self b'self.

*Artikolu 3*

**Organizzazzjoni ta' miżuri ta' tħejjija**

1. Il-miżuri ta' tħejjija li jridu jittieħdu sabiex jinkisbu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1 jinkludu:

(a) l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet relevanti tal-utenti u stima tal-kosts relatati ġġenerati minn proposti għall-ġbir, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-proċeduri għall-qsim ta' dejta li għandhom jiġu applikati għal żmien twil;

(b) id-definizzjoni u t-titjib tas-settijiet ta' mikrodejta dwar il-kreditu li jridu jinġabru skont il-qafas għal żmien twil, b'mod partikolari fir-rigward tal-ambitu, il-limiti tas-saffi jew strata fil-popolazzjoni mutwatarja u l-kategorizzazzjonijiet l-oħra possibbli, il-livell ta' detall tal-attributi tad-dejta u l-kwalità tal-mikrodejta dwar il-kreditu miġbura;

(c) l-organizzazzjoni tat-trażmissjoni ta' mikrodejta dwar il-kreditu fil-fażi ta' tħejjija b'konformità mal-Artikolu 4 u l-iffissar tal-istandards ta' kwalità li l-mikrodejta dwar il-kreditu miksuba mill-RĊK jew reġistri tal-kreditu oħrajn iridu jikkonformaw magħhom qabel il-bidu tat-trażmissjoni;

(d) l-iżvilupp ta' arranġamenti dettaljati dwar l-operat li jispeċifikaw li t-trażmissjoni, il-kumpilazzjoni, il-ħzin u l-uu tal-mikrodejta dwar il-kreditu jridu jiġu ttestjati u rfinuti fil-fażi ta' tħejjija bil-ħsieb li sussegwentement jiġu inkorporati fil-qafas għal żmien twil;

(e) li jiġi stabbilit programm ta' zmien għat-tlestija ta' passi u prodotti speċifiċi mill-BĊNi individwali u l-BĊE, inklużi passi li jridu jittieħdu mill-BĊNi li preżentement ma għandhomx aċċess għal databases komprensivi ta' mikrodejta dwar il-kreditu, bil-ħsieb li dan l-aċċess jinkiseb permezz tal-iżvilipp ta' RĊK tagħhom stess jew b'mezz ieħor;

(f) il-monitoraġġ tal-progress miksub fir-rigward tal-miżuri elenkati f'punti (a) sa (e), u l-identifikazzjoni tal-modifiki relevanti jekk meħtieġa.

2. Il-KST għandu, waqt li jikkunsidra l-parir tal-kumitati relevanti l-oħra tas-SEBĊ kif xieraq, iħejji d-deċiżjonijet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' tħejjija stipulati fil-paragrafu 1 u jippreżentahom lill-Kunsill Governattiv għall-adozzjoni. Il-KST jirrapporta lill-Kunsill Governattiv dwar il-progress miksub mill-BĊE u l-BĊNi individwali fuq bażi annwali.

3. Fir-rigward ta' BĊNi li jeħtieġu perijodu ta' phase-in itwal matul il-fażi ta' tħejjija għall-iżvilupp jew biex jinkiseb aċċess għal databases komprensivi ta' mikrodejta dwar il-kreditu, il-Kunsill Governattiv jista', matul il-fażi ta' tħejjija jagħti derogi temporanji individwali mill-obbligu li jiġu applikati miżuri ta' tħejjija speċifiċi ddefiniti fil-paragrafu 1. Il-perijodu ta' kull deroga individwali għandu jkun strettament limitat għaż-żmien minimu neċessarju għall-BĊN ikkonċernat biex jikseb konformità mal-miżuri ta' tħejjija koperti minn din id-deroga matul il-fażi ta' tħejjija, u f'kull każ huwa stabbilit b'mod li jippermetti li l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 1 jinkisbu fir-rigward tal-BĊNi kollha tal-Eurosistema. Matul kull perijodu ta' deroga, il-BĊN ikkonċernat jirrapporta darbtejn fis-sena ill-KST fuq il-progress tiegħu fil-kisba ta'konformità sħiħa mal-miżuri ta' tħejjija koperti mid-deroga. Kwalunkwe drittijiet ta' aċċess għal tagħrif statistiku kunfidenzjali miksub minn mikrodejta dwar il-kreditu trażmessa lill-BĊE bħala parti minn miżura ta' tħejjija speċifika jiġu sospiżi fir-rigward ta' BĊNi li jibbenefikaw minn deroga temporanja fir-rigward ta' din il-miżura. Il-Kunsill Governattiv jista' jiddeċiedi li aktar restrizzjonijiet xierqa jiġu imposti fuq BĊNi individwali li jibbenfikaw minn xi deroga skont tdan il-paragrafu.

*Artikolu 4*

**Trażmissjoni ta' mikrodejta dwar il-kreditu fil-fażi ta' tħejjija u salvagwardji tal-kunfidenzjalità**

1. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament tal-mikrodejta dwar il-kreditu li trid tinġabar għal żmien twil mal-ħtiġijiet ta' statistiċi tal-utenti prospettivi tas-SEBĊ, il-KST għandu, matul il-fażi ta' tħejjija, jorganizza t-trażmissjoni annwali mill-BĊNi sal-BĊE ta' mikrodejta dwar il-kreditu diġà disponibbli, relatata mat-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru, bl-użu ta' livell adegwat ta' anonimizzazzjoni u aggregazzjoni, fir-rigward tat-tagħrif dwar il-mutwatarji, sabiex jiġi żgurat illi l-mutwatarji individwalima jkunux jistgħu jintgħarfu. L-ewwel trażmissjoni isseħħ fl-aħħar ta' Marzu 2014, b'referenza għat-30 ta' Ġunju u l-31 ta' Diċembru 2013, u hija bbażata fuq l-iskema ta' rapportar ta' referenza stabbilita fl-Anness. Trażmissjonijiet oħrajn jiġu organizzati mill-KST fuq il-bażi tal-iskema ta' rapportar li ser tikkunsidra l-eżistenza ta' mikrodejta dwar il-kreditu diġà disponibbli u l-karatteristiċi tagħha, u tiżgura illi d-dejta miġbura tkun proporzjonata mal-istat tax-xogħol ta' tħejjija li jkun tlesta fil-ħin tat-trażmissjoni. Dejta dwar mutwatarji li jappartjenu għal setturi istituzzjonali li mhumiex korporazzjonijiet mhux finanzjarji tista' tiġi rrapportata matul il-fażi ta' tħejjija fuq bażi aggregata, sakemm il-BĊN jikkonsenja t-tagħrif relevanti dwar il-metodoloġija.

2. BĊNi individwali jittrażmettu il-mikrodejta dwar il-kreditu mitluba fuq il-bażi tar-RĊK jew databases oħrajn disponibbli ta' mikrodejta dwar il-kreditu. Il-BĊNi li jibbenefikaw, bis-saħħa tal-Artikolu 3(3), minn deroga mill-miżuri ta' tħejjija skont l-Artikolu 3(1)(c) fir-rigward ta' trażmissjonijiet ta' dejta speċifiċi, għandhom jinkludu tagħrif dwar il-progress tagħhom fil-kisba ta' konformità sħiħa mat-trażmissjonijiet ta' dejta nmitluba matul il-fażi ta' tħejjija fir-rapportar tagħhom lill-KST.

3. Dejta fornita lill-BĊE skont l-ewwel paragrafu tiġi trażmessa f'forma elettronika permezz ta' aċċess remot protett u tinħażen f'żona protetta. L-aċċess għal din id-dejta huwa limitat għal esperti statistiċi inklużi fil-lista kkomunikata mill-KST lill-Kunsill Governattiv qabel ma tinbeda t-trażmissjoni. Il-BĊE jinkludi tagħrif dwar il-miżuri ta' sigurtà meħuda fir-rapport annwali dwar il-kunfidenzjalità.

*Artikolu 5*

**Użu ta' tagħrif statistiku meħud minn mikrodejta dwar il-kreditu fil- fażi ta' tħejjija**

1. Dejta formita lill-BĊE bis-saħħa tal-Artikolu 4 tintuża biex: (a) tiġi ddefinita u mtejba l-mikrodejta dwar il-kreditu li trid tinġabar taħt il-qafas għal żmien twil u l-attributi tad-dejta rispettiva, u (b) jiġi ddefinit u prodott tagħrif statistiku aggregat biex jissodisfa il-ħtiġijiet statistiċi tal-utenti fi ħdan is-SEBĊ matul il-fażi ta' tħejjija.

2. Minbarra l-aċċess u l-użu ta' tagħrif statistiku aggregat, utenti fi ħdan is-SEBĊ li ma jibbenefikawx minn deroga skont l-Artikolu 3(3) jistgħu jitolbu permess għall-aċċess u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali mhux aggregat meħud minn mikrodejta dwar il-kreditu trażmess bis-saħħa tal-Artikolu 4, sakemm dak l-aċċess għal tagħrif statistiku kunfidenzjali: (a) iservi l-għan li tiġi ddefinita u mtejba l-mikrodejta dwar il-kreditu li trid tinġabar taħt il-qafas għal żmien twil u l-attributi tad-dejta rispettiva, u (b) ma jinvolvix aċċess dirett għal mikrodejta dwar il-kreditu oriġinali miġbura mill-BĊNi jew mill-BĊE. Kull talba minn utent għandha tkun akkumpanjata minn lista ta' persuni individwali li ser ikollhom aċċess għat-tagħrif ikkonċernat.

3. It-talbiet minn utent magħmulin skont il-paragrafu 2 huma suġġetti għall-evalwazzjoni u l-approvazzjoni mill-Kunsill Governattiv b'konformità mal-proċedura adottata mill-BĊE. Il-KST jassisti lill-Kunsill Governattiv fil-valutazzjonita' dawn it-talbiet.

*Artikolu 6*

**Proċedura ta' emenda simplifikata**

Wara li jikkunsidra l-fehmiet tal-KST, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE huwa intitolat li jagħmel emendi tekniċi lill-Annessi ta' din id-Deċiżjoni, kemm-il darba dawk l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażiku u lanqas ma jeffettwaw il-piż tar-rapportar. Il-Bord Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsill Governattiv b'kull emenda bħal din mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 7*

**Dispożizzjonijiet finali**

1. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum li tiġi nnotifikata.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill Governattiv jirċievi rapport li janalizza (a) l-istat tal-miżuri ta' tħejjija stabbiliti minn din id-Deċiżjoni, u (b) il-fattibilità tas-sostituzzjoni ta' din id-Deċiżjoni bi strument legali tal-BĊE li jistabbilixxi r-rekwiżiti tar-rapportar statistiku tal-BĊE u li jiżgura t-twaqqif ta' database komuni ta' mikrodejta dwar il-kreditu maqsuma bejn il-membri tal-Eurosistema u li jkun fiha mikrodejta dwar il-kreditu għall-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro, inkluż evalwazzjoni tal-fattibilità tal-programm ta' żmien għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri kif stipulati fl-Artikolu 1, fl-isfond tal-progress miksub.

*Artikolu 8*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-24 ta' Frar 2014.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

*ANNESS*

**SKEMA TA' RAPPORTAR TA' REFERENZA**

Mikrodejta dwar il-kreditu rrapportata fuq bażi solo kif stabbilit fit-tabella hawn taħt, u li tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— "attribwiti tas-sellief", li jiddeskrivu l-istituzzjoni ta' kreditu jew l-istituzzjoni finanzjarja oħra li tat is-self;

— "attribwiti tal-mutwatarju", li jiddeskrivu l-korporazzjoni mhux finanzjarja jew kwalunkwe mutwatarju ieħor li ħa s-self;

— "varjabbli tad-dejta tal-kreditu", li jiddeskrivu l-ftehim ta' self u l-istatus tas-self b'mod kwalitattiv;

— "miżuri tad-dejta tal-kreditu", li jipprovdu valuri numeriċi li jistgħu jiġu aggregati aktar (indikaturi kwantitattivi) u rrapportati bħala figuri tal-aħħar tal-perjodu.

| Tip | Attribwiti | Ħarsa ġenerali | Livell ta' anonimizzazzjoni |
|---|---|---|---|
| Attribwiti tas-sellief attributes | Identifikatur tas-sellief | Identifikazzjoni ta' selliefa skont il-kodifikazzjoni użata mid-Database tar-Reġistru tal-Istituzzjonijiet u l-Affiljati tas-SEBĊ (RIAD) (1). | Mhux anonimizzata |
| Attribwiti tal-mutwatarju | Identifikatur tal-mutwatarju | Identifikazzjoni alfanumerika ta' mutwatarji, biex jiġi żgurat li mutwatarji individwali ma jistgħux jiġu identifikati | Anonimizzata |
| | Pajjiż ta' residenza | Pajjiż ta' residenza tal-mutwatarju, skont l-istandard ISO 3166 (2). | |
| | Settur istituzzjonali | Settur istituzzjonali (jew subsettur) tal-mutwatarju, skont il-klassifikazzjoni tal-ESA 95. Is-subsetturi li ġejjin huma meħtieġa:<br>— Bank Ċentrali<br>— Gvern ġenerali<br>— Istituzzjonijiet ta' kreditu<br>— Fondi tas-suq tal-flus<br>— Intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni<br>— Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni<br>— Korporazzjonijiet mhux finanzjarji<br>— Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu l-unitajiet domestiċi | |
| | Settur tal-attività ekonomika | Klassifikazzjoni ta' mutwatarji (finanzjarji u mhux finanzjarji) skont l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, skont il-klassifikazzjoni statistika tan-NACE rev.2 (3). Il-kodiċijiet tan-NACE għandhom jiġu rrapportati b'dettall fuq żewġ livelli (skont id-"diviżjoni"). | |
| | Daqs | Klassifikazzjoni ta' mutwatarji skont id-daqs: makro, żgħar, daqs medju u kbar. | |

| Tip | Attribwiti | Ħarsa ġenerali | Livell ta' anonimizzazzjoni |
|---|---|---|---|
| Varjabbli tad-dejta tal-kreditu | Identifikatur tas-self | Identifikazzjoni alfanumerika ta' self, kif użata minn istituzzjonijiet li jirrapportaw f'livell nazzjonali. | — |
| | Munita | Denominazzjoni tal-munita tas-self, skont l-istandard ISO 4217 [4]. | |
| | Tip ta' self | Klassifikazzjoni ta' self skont it-tip tagħhom:<br>— Fuq talba u b'notifika qasira (kont kurrenti)<br>— Dejn fuq karta ta' kreditu<br>— Riċevibbli kummerċjali<br>— Kirjiet finanzjarji<br>— Self ta' xiri mill-ġdid bil-maqlub<br>— Self għal żmien ieħor | |
| | Tip kollaterali | Tip ta' kollateral li jappoġġja s-self mogħti, il-kollateral ta' proprjetà immobbli, kollateral ieħor (inkluż it-titoli u d-deheb), l-ebda kollateral. | |
| | Maturità oriġinali | Maturità tas-self miftiehem fil-bidu jew f'data iktar tard ta' negozjar mill-ġdid; inqas minn jew ugwali għal sena, iktar minn sena. | |
| | Maturità residwa | Maturità li tirreferi għaż-żmien miftiehem għal-fidi tas-self; inqas minn jew ugwali għal sena, iktar minn sena. | |
| | Status li ma jirrendix | Self fejn il-mutwatarju jkun inadempjenti. | |
| | Self sindakat | Ftehim ta' self wieħed li fih jipparteċipaw diversi istituzzjonijiet bħala selliefa | |
| | Dejn subordinat | Strumenti ta' dejn subordinat jipprovdu talba sussidjarja fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ li tista' tiġi eżerċitata biss wara li t-talbiet kollha bi status ogħla (eż. depożiti/self) ikunu ġew sodisfati, u li tagħtihom uħud mill-karatteristiċi ta' "ishma u ekwità oħra". | |

| Tip | Attribwiti | Ħarsa ġenerali | Livell ta' anonimizzazzjoni |
|---|---|---|---|
| Miżuri tad-dejta ta' kreditu | Kreditu miġbud | Ammont totali ta' self pendenti (ammont prinċipali, mingħajr ma' jitnaqqas tnaqqis fil-valur), aġġustamentt tar-riskju ta' kreditu rapportati ddikjarati gross, minbarra telf ta' kreditu rreġistrat bħala kanċellazzjoni. | — |
| | Linji ta' kreditu | Ammont ta'kreditu mogħti imma mhux miġbud. | |
| | Arretrati | Kwalunkwe pagament (ammont) fuq self, li huma dovuti b'iktar minn 90 ġurnata. | |
| | Valur tal-kollateral | Il-valur tal-kollateral fil-ħin tar-rapportar. | |
| | Aġġustament speċifiku tar-riskju ta' kreditu | Provvediment għat-telf ta' self speċifiku għar-riskji tal-kreditu skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli. Din il-miżura għandha tiġi rraportata biss għal self li ma jirrendix. | |
| | Attiv stmati abbażi tar-riskju | L-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju b'konformità mad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (5) jew atti suċċessivi. | |
| | Probabbiltà ta' inadempjenza (għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna biss) | Probabbiltà ta' inadempjenza ta' kontroparti fuq perjodu ta' sena, b'konformità mad-Direttiva 2006/48/KE jew atti suċċessivi. Għar-rapportar mutwatarju b'mutwatarju, tiġi rrapportata medja ppeżata skont il-volum. | |
| | Telf fuq inadempjenza (għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw approċċ ibbażat fuq il-klassifikazzjoni interna (IRB)) | Proporzjon tat-telf fuq skopertura minħabba l-inadempjenza tal-kontroparti għall-ammont pendenti fl-inadempjenza, skont id-Direttiva 2006/48/KE jew atti suċċessivi. Għar-rapportar mutwatarju b'mutwatarju, tiġi rrapportata medja ppeżata skont il-volum. | |
| | Rata ta' imgħax | Il-proporzjon, bħala perċentwali fis-sena, tal-ammont li għandu jħallas minn debitur lil kreditur fuq perjodu ta' żmien mogħti għall-ammont tal-kapital tas-self, depożitu jew titolu ta' dejn, skont ir-Regolament (KE) Nru 63/2002 tal-Bank Ċentrali Ewropew (6) jew atti suċċessivi. Għar-rapportar mutwatarju b'mutwatarju, tiġi rrapportata medja ppeżata skont il-volum. | |

(1) Għall-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM), ara l-lista ppubblikata fil-websajt tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu.
(2) Kif ippubblikata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) fil-websajt tagħha fuq www.iso.org.
(3) Kif ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea (Eurostat) fuq is-sit elettroniku tagħha fuq www.ec.europa.eu/eurostat.
(4) Kif ippubblikat mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) fil-websajt tagħha fuq www.iso.org.
(5) Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju f'istituzzjonijiet tal-kreditu (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).
(6) Regolament (KE) Nru 63/2002 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Diċembru 2001 dwar l-istatistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal familji u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2001/18) (ĠU L 10, 12.1.2002, p. 24).